A.L. 64 ta' l-2000

ATT TA' L-1994 GĦALL-PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL (ATT NRU. VII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-2000 dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6 u 16 ta' l-Att għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li kkonsulta l-Kummissjoni għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xogħol.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu:

(a) sentejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom għal post tax-xogħol li jintuża għall-ewwel darba wara dik d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) tliet snin wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom għall-postijiet tax-xogħol l-oħra kollha li jkunu diġà jintużaw qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"Att" tfisser l-Att għal Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol;

"foga" tinkludi gass jew fwar;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg;

"kamra taħt l-art" tfisser kull kamra jew xi parti minn bini jew stabbiliment tax-xogħol fejn isir xi xogħol, liema kamra, kompletament jew parti minnha, tkun mibnija b'tali mod li ta' l-inqas nofs l-għoli tagħha mkejjel mill-art sas-saqaf, ikun taħt il-livell ta' l-art li tmiss magħha jew li tkun l-iktar viċin għall-kamra;

"kif imiss" u "suffiċjenti" ifissru rispettivament "xierqa" w "adegwati" kif jista' jiġi deċiż mid-Direttur skond iċ-

ċirkostanzi;

"lok sanitarju" tinkludi urinali, *water closets*, *earth closets*, lokijiet u kull lok simili;

"manutenzjoni" tfisser miżmum fi stat effiċjenti, f'qagħda li jaħdem sew, fi stat tajjeb ta' tiswija u mingħajr telf jew ħsara fit-tħaddim, u tinkludi spezzjon, testjar, tindif, li jingħata ż-żejt u l-aġġustar kif meħtieġ;

"persuna kompetenti" tfisser persuna li jkollha l-kwalifiki adegwati, taħriġ adattat u tagħrif, esperjenza u prattika suffiċjenti, biex twettaq mingħajr ħsara l-biċċa xogħol speċifika jew ix-xogħol meħtieġ:

Iżda d-Direttur jista' jistabbilixxi kriterji xierqa għall-ħatra ta' dawn il-persuni;

"post tax-xogħol ġdid" tfisser post tax-xogħol li jiġi wżat l-ewwel darba wara l-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

"rotta tat-traffiku" tinkludi kull lok li jiġi wżat minn persuna u/jew vettura biex tmur minn post għal ieħor, li tapplika kemm għal positjiet tax-xogħol li jkunu fuq ġewwa kif ukoll dawk li jkunu fuq barra u tinkludi kull skala, taraġ, bieb, xatba, passaġġ, sellum mwaħħal, post tat-tagħbija u rampa;

"safejn ikun raġonevolment prattiku" tfisser li jiġu ntrodotti miżuri biex jiġi evitat riskju, liema miżuri jkunu proporzjonati għall-ammont tar-riskju;

"saqaf" tinkludi soqfa, soqfa foloz, soffitti u tined;

"sistema ta' manutenzjoni kif imiss" tfisser testjar u manutenzjoni regolari, tiswija xierqa fl-inqas ħin possibbli, il-projbizzjoni ta' aċċess għal makkinarju li jkollu ħsara, u li jinżammu notamenti xierqa u adegwati biex jiġi żgurat li din is-sistema tiġi implementata b'mod xieraq u sorveljata faċilment, u, fejn applikabbli, billi jiġu segwiti l-istruzzjonijiet ta' min ikun immanifattura jew installa l-makkinarju;

"*travelator*" tinkludi passaġġ għall-mixi li jitħaddem mekkanikament;

"waqfien" tfisser waqfien mix-xogħol għall-ikel u għall-mistrieħ.

Dmirijiet ġenerali.

3. (1) Kull min iħaddem għandu jara li kull makkinarju, makna, stallazzjoni, impjant, għodda, tagħmir jew apparat użat f'post tax-xogħol, kif ukoll li kull apparat jew tagħmir ta' salvataġġ intiż biex jevita jew jelimina perikli, jkun miżmum b'sistema ta' manutenzjoni kif imiss, u għandu jirranġa jew isewwi kull ħsara li tista' jew x'aktarx tista' taffettwa s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

(2) Kull min iħaddem għandu jara li jinżamm fil-post tax-xogħol u f'kull makkinarju w apparat użat fuq il-post tax-xogħol livell adegwat ta' iġjene u ndafa.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li ebda persuna ma titħalla tpejjep jew tiekol jew tixrob f'xi post tax-xogħol fejn xi aġent ta' periklu huwa stivat, mqandel, jew użat mod ieħor.

(4) Min iħaddem għandu, b'mod ġenerali, jinforma lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżentanti tagħhom bil-miżuri kollha għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li għandhom jittieħdu fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom.

(5) Fejn dawn ir-regolamenti jeħtieġu li jiġu mwaħħla sinjali tas-saħħa u/jew tas-sigurtà, min iħaddem għandu jiżgura li s-sinjali kollha wżati fuq il-post tax-xogħol ikunu jaqblu mad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u tas-Sigurtà fuq Postjiet tax-Xogħol.

(6) Kull min iħaddem għandu jħalli li jintużaw biss dawk l-istallazzjonijiet ta' l-elettriku li -

(a) jkunu disinjati u manifatturati b'tali mod li ma joħolqux periklu ta' nar jew splużjoni;

(b) jkollhom protezzjoni għall-ħaddiema kontra r-riskji ta' xi inċident kawżat minn kuntatt dirett jew indirett;

(ċ) ikunu disinjati, manifatturati minn materjal, u jkollhom apparat ta' protezzjoni li jkunu adegwati għall-vultaġġ, kundizzjonijiet esterni u l-kundizzjonijiet ta' l-użu tagħhom.

Kostruzzjoni u soliditá.

4. (1) Kull min iħaddem għandu jiżgura li l-kostruzzjoni u l-istabbilità ta' kull bini u struttura jew xi parti minnhom, jkunu xierqa għall-użu li għandu jsir minnhom.

(2) Min iħaddem għandu jakkwista mingħand perit l-ogħla piż li l-art tista' tiflaħ mingħajr periklu għal kull biċċa art fejn materjal, makkinarju, impjant jew apparat jiġi imqiegħed jew stivat.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li l-oġħla piżijiet li l-art tista' tiflaħ mingħajr periklu kif indikati mill-perit għall-kull area partikolari, ma jinqabżu f'ebda waqt.

Rotot u ħruġ ta' emerġenza.

5. (1) Min iħaddem għandu jieħu il-passi kollha neċessarji biex jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb rotot u ħruġ ta' emerġenza li jkunu adegwati u suffiċjenti.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1) min iħaddem għandu jiżgura li rotot u ħruġ ta' emerġenza -

(a) jinżammu mingħajr xkiel f'kull waqt, u jagħtu b'mod dirett kemm jista' jkun, għal area li tkun mingħajr periklu, fil-beraħ u speċifikatament intiża għaldaqshekk barra mill-istabbiliment, u li tkun fil-pjan terran:

Iżda ebda *lift* ma jista' jintuża bħala rotta ta' emerġenza;

(b) jippermettu li ħaddiema jkunu jistgħu jitilqu mill-post tax-xogħol, u minn kull parti tiegħu, b'mod mgħaġġel u mingħajr periklu safejn ikun possibli;

(ċ) ikunu ta' għadd biżżejjed, distribwiti b'tali mod, ta' dimensjonijiet u mfassla b'mod xieraq, meta wieħed iqis l-użu li jsir, l-apparat u d-dimensjonijiet ta' postijiet tax-xogħol u l-akbar għadd ta' persuni li jistgħu jkunu preżenti;

(d) jekk jeħtieġu d-dawl, ikollhom dawl ta' emerġenza ta' intensità xierqa fil-każ li tieqaf is-sistema normali ta' l-elettriku;

(e) huma indikati b'sinjali ta' direzzjoni imdawwla u adegwati, li għandhom jitqiegħdu f'pożizzjonijiet xierqa, f'għoli ta' mhux aktar minn 3.5 metri u mhux anqas minn 2 metri mill-art u li jinżammu fi stat ta' manutenzjoni tajjeb.

Bibien ta' emerġenza.

6. (1) Min iħaddem għandu jiżgura li l-bibien ta' emerġenza -

(a) jiftħu 'l barra;

(b) ma jkunux imsakkra, magħluqa jew b'xi xkiel quddiemhom illi ma jkunux jistgħu jinfetħu faċilment u minnufih minn xi persuna fuq il-post tax-xogħol li tista' teħtieġ li tużahom f'emerġenza;

(ċ) jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;

(d) huma magħmula minn materjal li jirreżisti n-nar, ta' *fire rating* adegwat u suffiċjenti għal kontra n-nar.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li bibien li jiżżerżqu u bibien li jduru ma jintużawx bħala ħruġ ta' emerġenza.

L-ewwel għajnuna, protezzjoni minnirien, tifi tan-nar, evakwazzjoni ta' ħaddiema, periklu serju w imminenti.

7. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għall-ewwel għajnuna, għat-tifi tan-nar u għall-evakwazzjoni tal-ħaddiema:

Iżda l-miżuri li għandhom jittieħdu għandhom ikunu adattati għax-xorta ta' l-attivitajiet u l-kobor tal-post tax-xogħol u għandhom iqisu l-persuni l-oħra kollha preżenti.

(2) Fit-twettiq ta' dak li hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti neċessarji ma' servizzi barra l-post tax-xogħol, partikolarment għal dak li jirrigwarda kura medika f'emerġenza, xogħol ta' salvataġġ u tifi tan-nar.

(3) Min iħaddem għandu jaħtar ħaddiema li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għat-tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema. L-ismijiet tal-persuni hekk maħtura jintniżżlu f'reġistru li jinżamm fuq il-post tax-xogħol u dan ir-reġistru għandu jinżamm u jiġi emendat, skond il-każ, minn min iħaddem:

Iżda l-għadd ta' persuni maħtura għal dawn l-għanijiet, it-taħriġ tagħhom u l-apparat li jkollhom, għandhom ikunu adegwati u għandu jitqies il-kobor tal-post tax-xogħol u x-xorta tal-perikli li jeżistu fih.

(4) Min iħaddem għandu kemm jista' jkun malajr jinforma lill-ħaddiema li huma, jew li jistgħu jkunu esposti għal periklu serju w imminenti bir-riskju li jeżisti, u b'dawk il-passi li għandhom jieħdu għar-rigward tal-protezzjoni tagħhom.

(5) Min iħaddem għandu jieħu azzjoni u jagħti struzzjonijiet biex jagħti l-opportunità lill-ħaddiema, f'każ ta' periklu gravi, imminenti u li ma jistax jiġi evitat, biex jieqfu jaħdmu u/jew biex jitilqu minnufih mill-post tax-xogħol u jipproċedu lejn post ta' bla periklu.

(6) Min iħaddem ma jistax jitlob lill-ħaddiema biex jerġgħu jibdew jaħdmu f'sitwazzjoni ta' xogħol fejn ikun għad hemm periklu gravi u imminenti, ħlief jekk dan ikun għall-għanijiet li tittieħed azzjoni ta' protezzjoni jew ta' rimedju:

Iżda fis-sitwazzjoni msemmija hawn aktar qabel, dawk il-ħaddiema biss li għandhom it-taħriġ neċessarju biex jieħdu l-azzjoni ta' protezzjoni u ta' rimedju għandhom jitħallew fil-lok tal-periklu w

għandhom ikun protetti kif suppost u adegwatament il-ħin kollu.

(7) Ebda ħaddiem li jitlaq mill-post tax-xogħol tiegħu jew minn area ta' periklu minħabba fil-preżenza ta' periklu serju imminenti jew li ma jistax jiġi evitat, ma għandu jitqiegħed f'pożizzjoni ta' żvantaġġ b'riżultat ta' dak li jkun għamel, minn min iħaddmu, u ebda azzjoni ta' ħsara jew li mhix ġustifikata ma tista' tittieħed kontra tiegħu.

(8) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha huma kapaċi, fil-każ ta' periklu serju w imminenti għas-sigurtà tagħhom u/ jew dik ta' persuni oħra, u fejn il-ħaddiem ta' fuqu li jkun responsabbli jew ħaddiem maħtur biex jimplimenta miżuri ta' tifi tan-nar u evakwazzjoni ta' ħaddiema ma jistax jiġi kkuntattjat, li jieħdu l-passi meħtieġa meta wieħed jikkonsidra t-tagħrif tagħhom u l-mezzi tekniċi għad-disposizzjoni tagħhom, biex jevitaw il-konsegwenzi ta' periklu bħal dan:

Iżda ħaddiem li jieħu azzjoni fl-isfond ta' hawn aktar qabel imsemmi ma għandux jiġi mqiegħed f'xi sitwazzjoni ta' żvantaġġ sakemm ma jkunx aġixxa bi traskuraġni jew kien hemm negliġenza min-naħa tiegħu.

(9) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità responsabbli għall-infurzar ta' ħarsien min-nar, biex -

(a) jevita, sakemm ikun raġonevolment prattiku, ir-riskju ta' inċidenti li jistgħu jiġu kkawżati min-nar jew splużjoni minn sustanzi li jaqbdu, li jieħdu n-nar jew li jistgħu jesplodu, u li jkun hemm fuq il-post tax-xogħol;

(b) jiżgura li l-post tax-xogħol jkun mgħammar il-ħin kollu b'apparat għat-tifi tan-nar kif imiss u suffiċjenti u apparat li jiskopri n-nar u sistemi ta' allarm, kif ikun neċessarju, meta wieħed iqis id-dimensjonijiet u l-użu tal-bini, l-apparat li jkun hemm fih, il-kwalitajiet fiżiċi u kimiċi tas-sustanzi li jkun hemm preżenti u l-akbar għadd ta' persuni li jista' jkun hemm preżenti.

(10) Kull apparat manwali tat-tifi tan-nar provdut minn min iħaddem għandu jkun -

(a) aċċessibbli b'mod faċli;

(b) li jista' jintuża b'mod sempliċi;

(ċ) indikat kif imiss b'sinjali ta' sigurtà li jkunu jidhru

faċilment u li jkunu mqiegħdha f'postijiet xierqa u li ssirilhom manutenzjoni regolarment.

(11) Min iħaddem għandu jinforma l-ħaddiema tiegħu bir-riskji kollha ta' nar, u tal-miżuri li għandhom jittieħdu biex dawn ir-riskji jitnaqqsu.

(12) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema jingħatawlhom struzzjonijiet u huma mħarrġa kif suppost fl-użu tajjeb ta' apparat tat-tifi tan-nar kif jista' jkun meħtieġ, għal dak il-post tax-xogħol, mid-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili.

(13) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li l-apparat għat-tifi tan-nar fuq il-post tax-xogħol ikun suġġett għal sistema ta' manutenzjoni kif imiss għas-sodisfazzjoni tad-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili.

(14) Min iħaddem għandu jiżgura li eżerċizzji kontra n-nirien jinżammu ta' spiss kif indikat mid-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili għal dak il-post tax-xogħol, iżda f'kull każ għandu jittieħed qies tar-riskji ta' nirien fuq il-post u ta' l-għadd ta' persuni fuq il-post tax-xogħol:

Iżda dawn il-provi għandhom isiru għall-anqas darba kull sitt xhur u għandu jinżamm notament ta' dawn il-provi.

(15) Ħaddiem għandu jinforma lil min iħaddmu b'xi nar li jaqbad fil-post tax-xogħol, u min iħaddem għandu jinvestiga l-fatt bil-għan li tittieħed azzjoni li tkun meqjusa li tkun tajba biex tevita li jerġa' jiġri l-istess.

(16) Xejn f'dan ir-regolament ma għandu iwaqqaf lill-awtorità responsabbli għall-infurzar ta' ħarsien minn nar milli tagħmel xi rakkomandazzjoni li jidhirlha xierqa fl-interessi tas-saħħa u tas-sigurtà.

Ventilazzjoni fuq il-postijiet tax-xogħol.

8. (1) Min iħaddem għandu jiżgura li b'mod effettiv u adegwat, għas-sodisfazzjon tad-Direttur, kull post tax-xogħol ikun ventilat bi kwantità suffiċjenti ta' arja friska u pura u li jirrendi bla ħsara, bl-użu ta' sistemi li jiġbdu 'l barra, sakemm ikun raġonevolment prattiku, l-foga, trabijiet u impuritajiet oħra li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa meta dawn ikunu ġenerati fil-kors ta' xi proċess ta' xogħol użat fil-post tax-xogħol.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (1), min iħaddem għandu jiżgura li fejn post tax-xogħol huwa ventilat għal kollox jew f'parti b'mod mekkaniku, jiġu provduti mezzi ta' ventilazzjoni ta' emerġenza f'każ ta' qtugħ fis-sistema prinċipali,

jekk dak il-qtugħ ikun ta' riskju għas-saħħa tal-persuni fil-post tax-xogħol.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li fejn ikun neċessarju għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà, inklużi f'dawk is-sistemi ta' ventilazzjoni li jintużaw biex inaqqsu l-konċentrazzjoni ta' trabijiet u foga fl-atmosfera, is-sistemi ta' ventilazzjoni mekkaniċi jkollhom mezz effettiv biex jagħti avviż viżibbli u li jinstema jekk ikun hemm xi qtugħ fis-sistema.

(4) Min iħaddem għandu jiżgura li kull impjant użat biex jiġu mħarsa l-ħtiġiet ta' dan ir-regolament ikun suġġett għal sistema ta' manutenzjoni kif imiss, u jinżamm nadif u ħieles minn kull ħaġa li tikkontamina l-arja.

(5) Min iħaddem għandu jiżgura li fil-każ ta' sistemi ta' ventilazzjoni mekkaniċi li jiċċirkolaw l-arja mill-ġdid, inklużi sistemi ta' arja kondizzjonata, jiżdied ammont adegwat u suffiċjenti ta' arja friska ffiltrata.

(6) Min iħaddem għandu jiżgura li s-sistemi ta' ventilazzjoni mekkanika u ta' arja kondizzjonata jaħdmu b'mod li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal kurrenti ta' arja li jdejqu.

Temperaturi fuq il-post tax-xogħol.

9. (1) Kull min iħaddem għandu jżomm f'kull post tax-xogħol fil-bini jew strutturi oħra fejn ikunu impjegati ħaddiema (ħlief jekk dawn ikunu għal perijodu qosra, skond *standards* aċċettati) ambjent ta' temperatura li jkun raġonevolment prattiku u komdu, meta wieħed iqis il-metodi ta' xogħol li jintużaw u l-ħtiġiet fiżiċi fuq il-ħaddiema.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ebda persuna ma tiġi impjegata għal xogħol regolari u fit-tul -

(a) f'ambjent ta' temperatura li ma jkunx adegwat għat-tip ta' xogħol li jkun qiegħed isir jew li jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa;

(b) fejn ikun qiegħed jintuża makkinarju jew materjal li jitfa sħana kbira jew li jikkawża kesħa intensa fl-ambjent tax-xogħol u li jkun ta' ħsara għas-saħħa sakemm ma jittieħdux miżuri adegwati u effettivi biex jitnaqqas ir-riskju li ma jkunx neċessarju jew sakemm ma jingħatawx apparat jew ilbies protettiv li jkun adegwat u effiċjenti u faċilitajiet għas-serħan.

(3) Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb, kull fejn dan ikun meħtieġ, ħitan diviżorji li jkunu mwaħħla jew jistgħu jitmexxew, defletturi u kull apparat ieħor xieraq biex jipproteġi l-

ħaddiem mill-kesħa jew sħana intensa.

(4) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ebda persuna ma tuża xi metodu biex isaħħan jew biex ikessaħ li jkun ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew li jista' jitfa xi dħaħen noċivi jew tossiċi.

(5) Min iħaddem għandu jiżgura li postijiet tax-xogħol li jkun fihom posti tax-xogħol ikunu iżolati kontra temperaturi li jagħmlu ħsara, meta wieħed iqis it-tip ta' xogħol involut u l-attività fiżika tal-ħaddiema.

(6) Min iħaddem għandu jiżgura li t-temperatura fil-postijiet ta' serħan, kmamar għal persunal fuq xogħol, faċilitajiet sanitarji, *canteens*, u kmamar ta' l-ewwel għajnuna, tkun xierqa għall-għan partikolari ta' dawk il-postijiet.

Dawl naturali u artifiċjali fil-kmamar.

10. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jipprovdi u jżomm f'kull post tax-xogħol dawl adegwat u suffiċjenti li, safejn ikun raġonevolment prattiku, ikun b'dawl naturali.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1) -

(a) dawl ta' l-elettriku ta' emerġenza ta' intensità xierqa u li jiġi minn sors indipendenti minn dak tad-dawl ta' l-elettriku normali għandu jkun provdut u tingħatalu manutenzjoni xierqa f'kull kamra fejn persuni li jkunu qed jaħdmu jkunu esposti b'mod speċjali għal periklu f'każ ta' qtugħ fil-provvista ta' dawl artifiċjali;

(b) id-dawl artifiċjali għandu jkun mqiegħed b'tali mod u direzzjoni, jew miżuri oħra jittieħdu, biex tevita dija li tista' ddejjaq.

(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li postijiet tax-xogħol fuq barra jkunu mdawla adegwatament b'dawl artifiċjali waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol jekk id-dawl naturali ma jkunx biżżejjed.

(4) Min iħaddem għandu jiżgura li s-sistemi ta' dawl, inklużi bozoz, apparat ta' dawl u *switches* tad-dawl fil-post tax-xogħol, inkluż f'passaġġi, ikunu mqiegħda b'dak il-mod li ma jkun hemm ebda riskju ta' inċident lil xi persuna b'riżultat tat-tip ta' sistemi ta' dawl imqiegħda jew stallati.

Pavimenti, ħitan, skali, soqfa u bjut ta' kmamar.

11. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura li l-pavimenti, l-iskali, it-taraġ, il-passaġġi, il-*gangways* u r-rotot ta' traffiku kollha jkunu ta' għamla solida w adegwata u fi

stat ta' manutenzjoni kif imiss, u sakemm ikun raġonevolment prattiku għandhom jinżammu ħielsa minn kull xkiel, minn kull difett fis-superfiċi, u minn kull sustanza li tista' iġġiegħel persuni li jiżolqu, jitfixklu jew jaqgħu, jew li x'aktarx tista' b'mod ieħor tikkawża inċidenti.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1) -

(a) is-superfiċji msemmija fil-paragrafu (1) ma għandu jkollhom ebda toqba, inklinazzjoni jew fetħa jew ikollhom diżlivelli jew ikunu jiżolqu b'mod li f'kull każ jesponu persuna għal riskju kontra s-saħħa u s-sigurtà:

Iżda ma għandu jittieħed ebda qies ta' xi fetħa fejn miżuri adegwati jkunu ttieħdu biex jevitaw li persuni jew oġġetti jaqgħu fihom;

(b) fejn isir xi proċess li jirrendi li l-paviment jista' jixxarab b'xi likwidu, għandhom jiġu provduti, u miżmuma fi stat tajjeb, metodi effettivi ta' drenaġġ;

(ċ) kull miżura adegwata għandha tittieħed biex titnaqqas il-possibiltà ta' żelqa fuq superfiċji li jkunu mgħarrka.

(3) Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni poġġamani adegwati u sufiċjenti u, jekk ikun xieraq, ilqugħ f'kull taraġ f'bini jew li huwa ntiż bħala mezz ta' ħruġ mill-bini.

(4) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (3) -

(a) fejn taraġ għandu naħa miftuħa, għandu jkun hemm poġġamani xierqa fuq dik in-naħa;

(b) fejn taraġ għandu żewġ naħat miftuħa jew fejn, minħabba fix-xorta tal-kostruzzjoni jew il-kondizzjoni tas-superfiċi tat-taraġ jew ċirkostanzi speċjali oħra, taraġ huwa tali li jikkawża inċidenti, poġġaman u lqugħ ieħor taħtu, jew xi mezzi oħra effettivi, għandhom jiġu provduti u miżmuma fi stat tajjeb fuq iż-żewġ naħat.

(5) Min iħaddem għandu jiżgura li s-soqfa kollha fuq il-post tax-xogħol ikunu ta' kostruzzjoni solida u xierqa, ma jgħaddix ilma minnhom, miżmuma fi stat ta' manutenzjoni kif imiss u ma jitgħabbewx iż-żejjed.

(6) Min iħaddem għandu jwaqqaf l-aċċess għal bjut li jkunu magħmula minn materjali ta' saħħa insuffiċjenti jew fejn ikun hemm riskju li s-saqaf jew parti minnu jista' jaqa':

Iżda fejn ikun hemm ħtieġa urġenti biex isir dak ix-xogħol, min iħaddem għandu jiżgura li jittieħdu l-miżuru kollha xierqa sabiex ix-xogħlijiet jistgħu jsiru mingħajr periklu u mingħajr riskju għal persuni fuq u taħt is-saqaf.

(7) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li s-superfiċi ta' pavimenti, ħitan u soqfa fi kmamar ikunu ta' materjali xierqa li jippermettu li jistgħu jitnaddfu u jiġu restawrati għal livell xieraq ta' iġjene u li kull post tax-xogħol jinżamm fi stat nadif u ħieles minn kull effluwent jew inkonvenjent ikkaġunat minn xi katusa, lok sanitajru jew simili.

(8) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (7), għandhom jittieħdu l-miżuri adegwati biex jiġi żgurat li -

(a) kull akkumulazzjoni ta' skart u żibel tiġi mneħħija kuljum b'metodu xieraq mill-paviment u mill-bankijiet tal-kmamar tax-xogħol, u mit-taraġ u l-passaġġi;

(b) il-paviment ta' kull kamra tax-xogħol fil-postijiet tax-xogħol fejn jiġġeneraw ruħhom fogi, trabijiet, fibri jew irwejjaħ li jistgħu jikkawżaw ħsara għas-saħħa u l-parti t'isfel tal-ħitan ta' dawn il-kmamar sa għoli ta' żewġ metri jitnaddfu għall-anqas darba fil-ġimgħa billi jinħaslu jew, jekk dan ikun effettiv u xieraq, billi jinkinsu jew jitnaddfu b'*vacuum cleaner*;

(ċ) il-ħitan u l-ħitan diviżorji kollha ta' ġewwa u s-soqfa u s-soqfa tal-kmamar u l-ħitan, in-naħat u s-soqfa kollha ta' passaġġi u taraġ ikunu miżmuma nodfa adegwatament u kif jixraq, u jiġu mbajjda, miżbugħa jew jinksew bil-madum kif ikun meħtieġ.

(9) Min iħaddem għandu jiżgura illi ħitan trasparenti jew li jgħaddi d-dawl minnhom, inklużi ħitan diviżorji li jkunu magħmula għal kollox jew fil-biċċa l-kbira tagħhom minn ħġieġ, li jkunu mqiegħda fi kmamar jew fil-viċinanza ta' postijiet tax-xogħol jew rotot ta' traffiku, ikunu indikati b'mod ċar u jkunu magħmula minn materjal mhux perikoluż, u jkunu protetti biex jevitaw li ħaddiema jiġu f'kuntatt mal-ħitan jew jindarbu jekk jitfarrku dawn il-ħitan.

12. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li l-ebda tieqa, tamboċċ jew ventilatur li jistgħu jinfetħu - Twieqi u tamboċċi.

(a) ma jinfetħu, jingħalqu, jiġu aġġustati jew maqfula b'tali mod li jista' jesponi lil xi persuna li tkun qed tagħmel dan għal riskju kontra s-saħħa u s-sigurtà tagħha;

(b) meta jinfetħu, ma jkunu f'tali pożizzjoni li jistgħu jkunu ta' periklu għal xi persuna fil-viċinanza.

(2) Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li twieqi u tambokki wżati fil-post tax-xogħol huma disinjati u manifatturati b'mod li jippermetti li jistgħu jitnaddfu mingħajr riskju għal ħaddiema li jkunu qed jagħmlu dan it-tindif u għal persuni li jkunu preżenti fi jew fil-viċinanzi tal-post tax-xogħol:

Iżda għandhom jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġi żgurat li kull apparat u tagħmir li jiġu wżati għal dan il-għan ikunu wżati b'mod mingħajr periklu u jkunu suġġetti għal sistemi ta' manutenzjoni xierqa kif imiss.

Bibien u xatbiet.

13. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li jkun hemm mezzi ta' aċċess xierqa u suffiċjenti għal kull post tax-xogħol u li dawn jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u li -

(a) kull tieqa jew superfiċi trasparenti jew li jgħaddi d-dawl minnha u li tinsab f'ħajt, f'ħajt diviżorju, f'bieb jew xatba, kemm jekk fi kmamar jew f'rotot ta' traffiku, ikunu protetti adegwatament kontra l-possibiltà ta' ksur u jkunu mmarkati b'mod xieraq;

(b) bibien u xatbiet li jingħalqu awtomatikament ikunu trasparenti jew ikollhom pannelli trasparenti li jkunu ta' dak id-daqs u jkunu ta' dak l-għoli mill-art li jippermettu li persuni fuq kull naħa tal-bieb jistgħu jaraw minnhom;

(ċ) bibien tul ir-rotot ta' ħruġ ikunu mmarkati b'mod xieraq u jinfetħu faċilment minn ġewwa f'kull ħin mingħajr bżonn ta' ebda għajnuna speċjali.

(2) Min iħaddem għandu jipprovdi bibien li jintużaw minn *pedestrians* li jkunu fil-viċinanzi mmedjati ta' xi xatba li tkun għall-użu ta' traffiku tal-vetturi, sakemm ma jkunx mingħajr periklu għall-*pedestrians* li jgħaddu minn dawn ix-xatbiet, u dawn il-bibien għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar u ma jkun hemm ebda xkiel għalihom f'ebda ħin.

(3) Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji kollha biex jiżgura li l-bibien u x-xatbiet ikunu ta' kostruzzjoni li ma tikkaġunax periklu.

(4) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (3) il-bibien u x-xatbiet jitqiesu li ma jkunux jaqblu ma' din il-ħtieġa sakemm -

(a) bieb jew xatba li jiżżerżqu ma jkollhomx apparat ta' sigurtà biex jevita li jinqalgħu minn posthom u jaqgħu;

(b) kull bieb jew xatba li jinfetħu 'l fuq ma jkollhomx apparat biex jevita li jaqgħu lura;

(ċ) kull bieb jew xatba li jitħaddmu bl-elettriku ma jkollhomx karatteristiċi xierqa u suffiċjenti biex jevitaw li jistgħu jagħmlu ħsara billi jaqbdu persuni fihom, u ma jkollhomx apparat li jkun jidher u aċċessibbli b'mod ċar biex jintfew f'emerġenza;

(d) kull bieb jew xatba li jitħaddmu bl-elettriku ma jistgħux jinfetħu jew jingħalqu manwalment, sakemm ma jinfetħux awtomatikament f'każ ta' qtugħ fil-provvista ta' l-elettriku;

(e) kull bieb jew xatba li jistgħu jinfetħu minn kull naħa ma jkunux mibnija b'mod li jagħtu, meta jkunu magħluqin, vista ċara ta' l-ispazju fuq iż-żewġ naħat.

Rotot ta' traffiku.

14. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura, sakemm ikun raġonevolment prattiku, li r-rotot kollha użati minn *pedestrians* u minn traffiku tal-vetturi jew industrijali jkunu mmarkati adegwatament, issir manutenzjoni fuqhom u jkunu mingħajr periklu għall-ħaddiema u għal kull persuna oħra fil-viċinanza ta' dawn ir-rotot ta' traffiku, u li jkunu mingħajr xkiel il-ħin kollu.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li rotot ta' traffiku, inklużi taraġ, slielem imwaħħlin u postijiet ta' tagħbija u rampi, ikunu pożizzjonati, u jkunu ta' dak id-daqs biex jiġi żgurat aċċess faċli, mingħajr periklu u kif suppost għall-*pedestrians* u għall-vetturi b'tali mod illi ma jkunux ta' periklu għal ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fil-viċinanzi ta' dawn ir-rotot ta' traffiku, jew għal *pedestrians* oħra.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li fejn vetturi u *pedestrians* jużaw l-istess rotta ta' traffiku, ikun hemm biżżejjed distanza bejniethom.

(4) Min iħaddem għandu jiżgura li fejn rotot ta' *pedestrians* u ta' vetturi jaqsmu lil xulxin, jiġu provduti postijiet kif imiss biex il-*pedestrians* ikunu jistgħu jaqsmu, u jitqiegħdu sinjali ta' sigurezza kif imiss biex jindikaw fejn huma dawn il-postijiet:

Iżda fejn jiġu provduti dawn il-postijiet ta' qsim bejn rotot ta' *pedestrians* u rotot ta' vetturi u fejn min iħaddem ikun qiegħed sinjali ta' sigurezza li jindikaw dawn il-postijiet, *pedestrian* għandu jagħmel użu minn dawn il-postijiet.

(5) Min iħaddem għandu jiżgura li jkun hemm biżżejjed distanza bejn rotot ta' traffiku għal vetturi u bibien, xatbiet, passaġġi għall-*pedestrians*, kuriduri u skali, u din id-distanza għandha tinżamm mingħajr xkiel f'kull ħin.

Imkejjen ta' periklu.

15. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji, inkluża l-istallazzjoni ta' apparat kif imiss, skond kemm dan ikun raġonevolment prattiku, biex jevita l-aċċess mhux awtorizzat lil xi persuna f'xi area fejn ikun hemm riskju għas-saħħa u s-sigurtà.

(2) Min iħaddem għandu jieħu miżuri kif imiss u suffiċjenti, safejn dan ikun raġonevolment prattiku, biex -

(a) jindika b'mod ċar kull area ta' periklu;

(b) jiżgura s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni li huma awtorizzati li jidħlu f'dik l-area ta' periklu.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li kull reċipjent fiss, struttura, vaska jew ħofra li t-truf tagħhom ikun ogħla mill-ogħla paviment jew pjattaforma li fuqha persuna tista' toqgħod bil-wieqfa u li persuna tista' taqa' fihom, għandhom, jekk ikun fihom xi likwidu li jismot, li jikkorrodi jew velenuż, jew ikunu mgħottijin sew jew ikollhom irpar tajjeb sa' mill-inqas metru 'l fuq minn dak il-paviment jew pjattaforma, jew fejn minħabba fix-xorta ta' xogħol li jsir la jkunu jistgħu jitgħattew sew anqas ma jkun jista' jsirilhom irpar tajjeb sa' dak l-għoli, għandhom jittieħdu dawk il-passi prattiċi kollha sabiex jiġi evitat li persuna tista' taqa' fir-reċipjent, struttura, vaska jew ħofra.

(4) Meta xi reċipjent fiss, struttura, vaska jew ħofra ikun fihom xi likwidu li jismot, li jikkorodi jew velenuż li ma jkunx mgħotti sew, ebda sellum, skala jew *gangway* ma jistgħu jitqiegħdu fuq, matul jew ġewwa fihom, jekk dawn ta' l-aħħar ma jkunux -

(a) mill-inqas 45 ċentimetru wesgħin, u

(b) b'irpar tajjeb fuq iż-żewġ naħat sa għoli ta' mill-inqas metru u ikunu mwaħħlin sew.

(5) Meta xi reċipjenti, strutturi, vaski għaż-żejt jew ħofor bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu (4) ikunu jingħaqdu flimkien, u l-ispazju bejniethom, maqtugħ minn kull ġebel ta' madwarhom jew

xogħol ieħor, ikun ta' inqas minn wisgħa ta' 45 ċentimetru, jew ma jkollhomx irpar tajjeb fuq iż-żewġ naħat sa għoli ta' mill-inqas metru, għandhom jitqiegħdu sbarri sodi b'mod li jiġi evitat li wieħed jista' jgħaddi bejniethom:

Iżda, għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, sellum, skala jew *gangway* ma għandhomx jitqiesu li għandhom irpar tajjeb sakemm dan ma jsirx b'xibka dawramejt jew b'poġġaman fuq u lqugħ ieħor taħt, u *toe boards*.

Skali mobbli u *travelators*.

16. (1) Kull minn iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li skali mobbli u *travelators* -

(a) jaħdmu mingħajr periklu;

(b) ikollhom kull apparat xieraq ta' sigurtà;

(ċ) ikollhom apparat ta' qtugħ f'emerġenza, liema apparat ikun jidher u jkun aċċessibbli faċilment;

(d) issirilhom manutenzjoni kif imiss, u jiġu eżaminati u ċertifikati kull sitt xhur minn inġinier mekkaniku:

Iżda l-inġinier li jiċċertifika ma jistax ikun impjegat ma' min iħaddem, li l-iskala mobbili jew it-*travelator* ikunu fil-post tax-xogħol tiegħu.

(2) Min iħaddem għandu jibgħat lid-Direttur rapport ta' l-eżami, magħmul mill-inġinier skond dak li hawn aktar qabel imsemmi, fi żmien mhux aktar minn tletin ġurnata mid-data ta' meta jsir l-eżami.

Postijiet ta' tagħbija u rampi.

17. Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura li -

(a) il-postijiet ta' tagħbija u rampi huma xierqa għad-daqs tat-tagħbija li trid tiġi trasportata;

(b) postjiet ta' tagħbija ikollhom għall-inqas post wieħed ta' ħruġ;

(ċ) jittieħdu l-passi kollha neċessarji, safejn dan ikun raġonevolment prattiku, biex jiġi evitat li ħaddiema jaqgħu mill-post tat-tagħbija.

Qisien tal-post tax-xogħol.

18. (1) Min iħaddem għandu jiżgura, sakemm dan huwa raġonevolment prattiku, li l-partijiet kollha tal-post tax-xogħol kif ukoll dik il-parti fejn isir ix-xogħol ikunu ta' qisien suffiċjenti u ddisinjati b'tali mod li jippermettu li l-ħaddiema u persuni oħra

jaħdmu x-xogħol tagħhom mingħajr periklu.

(2) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, il-qisien jitqiesu bħala suffiċjenti jekk ikunu jikkonformaw mal-ħtiġiet tat-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

Postijiet fejn isir ix-xogħol.

19. (1) Min iħaddem għandu jiżgura li l-postijiet kollha fejn isir ix-xogħol ikunu rranġati b'tali modi li x-xogħol jista' jsir mingħajr periklu u bil-kumditá.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1), kull post fejn isir ix-xogħol għandu jkun irranġat b'tali mod li -

(a) jipprovdi protezzjoni mit-temp ħażin, sakemm dan ikun raġonevolment prattiku;

(b) jippermetti li kull persuna tkun tista' titlaq minn dak il-post fejn isir ix-xogħol b'mod mgħaġġel, jew li tiġi assistita f'każ ta' emerġenza;

(ċ) jiżgura li ma jkunx hemm probabbiltà li persuna tiżloq jew taqa'.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ebda post fejn isir ix-xogħol ma jkunx sitwat f'area fejn ikun hemm riskju kbir għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn oġġetti li jaqgħu jew riskju kbir ta' esplożjoni.

Fejn wieħed joqgħod bil-qegħda.

20. (1) Min iħaddem għandu jipprovdi jew iżomm faċilitajiet xierqa biex wieħed joqgħod bil-qegħda, sabiex dawn jintużaw minn kull ħaddiem li jkun qed iwettaq xogħol li jista' jsir kollu kemm hu jew parti minnu bil-qegħda.

(2) Għall-għanijiet tal-paragrafu (1), il-post fejn wieħed joqgħod bil-qegħda ma jkunx xieraq sakemm -

(a) id-disinn, il-kostruzzjoni u l-qisien tal-post fejn wieħed joqgħod bil-qegħda ma jkunux xierqa għall-persuna li għalihom dak il-post ikun provdut, u jżomm b'mod adegwat il-parti t'isfel tad-dahar;

(b) ma jkunx imqiegħed f'pożizzjoni xierqa biex jiffaċilita qagħda fiżika tajba għax-xogħol;

(ċ) il-post fejn wieħed joqgħod bil-qegħda ma jkunx miżmum b'mod adegwat u tajjeb waqt li jkun qed jintuża għall-għan li għalih ikun provdut;

(d) ma jiġix provdut mirfes fuqiex il-ħaddiem jista' jserraħ saqajh faċilment u bil-kumditàa.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li jingħata tagħlim xieraq lill-ħaddiem dwar kif jintużaw sew u b'mod adegwat siġġijiet li jistgħu jiġu aġġustati.

Imkejjen fejn wieħed jista' jixrob.

21. (1) Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm f'postjiet xierqa fuq il-post tax-xogħol ħażna adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb u jara li l-konsum ta' dan l-ilma jsir b'mod iġjeniku.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1), dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu ndikati b'mod ċar u jistgħu jintlaħqu b'mod faċli mill-persuni li jaħdmu fuq il-post tax-xogħol.

Imkejjen fejn wieħed jistrieħ u jiekol.

22. (1) Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm imkejjen xierqa u biżżejjed fejn wieħed jista' jistrieħ u li jkunu faċilment aċċessibbli għall-ħaddiema kollha. Dawn l-imkejjen għandhom -

(a) ikunu fiżikament separati mill-post tax-xogħol;

(b) ikunu ta' daqsijiet u b'livelli ta' iġjene xierqa;

(ċ) ikollhom għadd adegwat ta' imwejjed u siġġijiet bid-dahar li jistgħu jintużaw mill-ħaddiema;

(d) jinkludu arranġamenti xierqa għall-protezzjoni ta' min ma jpejjipx kontra l-inkonvenjent li jinħoloq mit-tipjip;

(e) jinkludu faċilitajiet xierqa u biżżejjed biex wieħed jista' jiekol, liema faċilitajiet għandhom ikunu għas-sodisfazzjoni tad-Direttur, u għandhom jinkludu l-faċilitajiet neċessarji fejn wieħed jista' jsaħħan l-ikel, jipprepara xarba sħuna u li jżommu l-ikel u x-xorb f'temperaturi adegwatament baxxi, għall-ħaddiema li jieklu regolarment fuq il-post tax-xogħol, jew fejn l-ikel x'aktarx jista' jiġi kontaminat.

(2) Fejn għal xi raġuni kawżata mid-disinn u qisien tal-post tax-xogħol min iħaddem ma jistax jipprovdi l-imkejjen fejn wieħed jista' jistrieħ u jiekol kif imsemmi qabel skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, u fil-każ ta' uffiċċji, min iħaddem għandu jagħti lill-ħaddiema l-opportunità xierqa biex jitilqu mill-post tax-xogħol waqt waqfien mix-xogħol.

(3) F'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn m'hemmx provduti kmamar fejn wieħed jista' jistrieħ u fejn il-ħinjiet tax-xogħol huma interrotti regolarment u ta' sikwit, min iħaddem għandu jipprovdi kmamar oħra fejn il-ħaddiema jistgħu joqgħodu waqt dawn l-

interruzzjonijiet jew għandu jagħti lill-ħaddiema l-opportunità xierqa biex jitilqu minn fuq il-post tax-xogħol waqt dawn l-interuzzjonijiet, kull meta dan ikun meħtieġ għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema.

(4) Min iħaddem għandu jipprovdi faċilitajiet xierqa fejn wieħed jistrieħ lil nisa tqal u lil nisa li jreddgħu lit-tarbija tagħhom u li jkunu impjegati minnu biex dawn ikunu jistgħu jistrieħu f'ambjent xieraq.

Imkejjen fejn wieħed ibiddel.

23. (1) Min iħaddem għandu jipprovdi, safejn dan ikun raġonevolment prattiku, faċilitajiet xierqa biex il-ħaddiema jistgħu jbiddlu, liema faċilitajiet għandhom ikunu ta' daqs biżżejjed u f'postijiet li jkunu aċċessibbli faċilment:

(a) biex jinżammu l-ħwejjeġ ta' ħaddiem, li ma jintlibsux waqt il-ħinijiet tax-xogħol;

(b) biex jinżammu l-ħwejjeġ speċjali tax-xogħol, liema ħwejjeġ ma jittieħdux id-dar.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1), faċilitajiet biex wieħed jista' jbiddel ikunu meqjusa bħala xierqa jekk -

(a) ikollhom siġġijiet u kaxxarizzi li jippermettu li ħaddiem jista' jsakkar ħwejjġu waqt il-ħinijiet tax-xogħol;

(b) jiġu provduti mkejjen separati għal ħwejjeġ ta' ħaddiema li jkunu jaħdmu f'xogħolijiet li jistgħu jwasslu biex ħwejjiġhom ikunu kontaminati, imdensa ħafna, mtebba' jew imċappsin sew, u biex ikunu jistgħu jippermettu li l-ħaddiema iżommu l-ħwejjeġ tax-xogħol separati mill-ħwejjeġ normali;

(ċ) ikun hemm kmamar separati fejn wieħed jista' jbiddel għan-nisa u għall-irġiel kull fejn l-għadd tal-ħaddiema u x-xorta tax-xogħol hekk jeħtieġu.

Imkejjen fejn wieħed jinħasel.

24. (1) Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm imkejjen xierqa u biżżejjed fejn wieħed jista' jinħasel, f'postijiet li jkunu aċċessibbli faċilment.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1), l-imkejjen fejn wieħed jinħasel jiġu meqjusa bħala xierqa jekk -

(a) ikollhom provvista ta' ilma nadif b'temperaturi kontrollati sewwa, sapun jew materjal simili, xkupilji ta' l-idejn u xugamani jew faċilitajiet oħra għall-inxif;

(b) jinkludu doċoċ li huma kbar biżżejjed li jippermettu li kull ħaddiem jista' jinħasel mingħajr xkiel f'kondizzjonijiet ta' iġjene xierqa, meta x-xogħol jista' jikkawża li l-ħaddiem jitħammeġ jew l-ġilda tiegħu tista' tkun kontaminata b'kimiċi dannużi, jew meta hekk meħtieġ mid-Direttur wara li jieħu qies sewwa tax-xorta tax-xogħol li jkun qed isir;

(ċ) ikunu biswit kmamar fejn wieħed ibiddel, meħtieġa skond dawn ir-regolamenti, u biswit immedjat ta' kull lok sanitarju, kemm jekk dan ikun provdut x'imkien ieħor jew le;

(d) jinżammu f'kondizzjonijiet nodfa;

(e) ikollhom ventilazzjoni u dawl biżżejjed.

(3) Doċoċ u sinkijiet separati għandhom ikunu provduti minn min iħaddem, jew għandhom isiru arranġamenti biex jintużaw separatament, minn nisa w irġiel meta dan huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' diċenza.

(4) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, l-għadd ta' postijiet fejn wieħed jinħasel jitqies li hu biżżejjed jekk ikun skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Apparat sanitarju.

25. (1) Min iħaddem għandu jipprovdi apparat sanitarju xieraq u biżżejjed, li jkun f'postijiet aċċessibbli faċilment, liema apparat jitqies li jkunu xieraq jekk -

(a) l-apparat u l-kmamar li jkun fihom dak l-apparat ikunu miżmuma kif imiss u nodfa;

(b) il-kmamar li fihom ikun l-appart ikollhom ventilazzjoni u dawl tajjeb;

(ċ) ikollu miegħu faċilitajiet biex wieħed jista' jaħsel idejh u jnixxifhom, safejn dan hu raġonevolment prattiku;

(d) ikun biswit postijiet fejn isir ix-xogħol, kmamar fejn wieħed jistrieħ, kmamar fejn wieħed ibiddel u kmamar li jkun fihom doċoċ u sinkijiet.

(2) Ħadd ma jista' jiekol f'dawn l-imkejjen.

(3) Jekk għal xi raġuni li ġejja mid-disinn jew qisien tal-post tax-xogħol, min iħaddem ma jistax jipprovdi l-faċilitajiet fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1), huwa għandu jagħti opportunità adegwata lill-ħaddiema biex jitilqu mill-post tax-

xogħol waqt ħinjiet ta' waqfien mix-xogħol.

(4) Min iħaddem għandu jipprovdi mkejjen separati sanitarji għan-nisa u għall-irġiel:

Iżda fejn għal xi raġuni li ġejja mid-disinn u mill-qisien tal-post tax-xogħol min iħaddem ma jistax jipprovdi faċilitajiet separati, huwa għandu jiżgura li kull persuna li tuża dawn il-faċilitajiet tkun tista' tagħmel hekk b'mod privat.

(5) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, l-għadd ta' faċilitajiet sanitarji jitqies li jkun biżżejjed jekk ikun skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Imkejjen fejn it-tipjip mhux permess.

26. (1) Min iħaddem għandu jidentifika dawk l-imkejjen fejn it-tipjip jista' jikkawża riskju ta' nar jew splużjoni, u għandu jiżgura li ma jsirx ebda tipjip f'dawk l-imkejjen.

(2) Min iħaddem għandu jidentifika mkejjen, li huma separati fiżikament minn postijiet oħra fejn it-tipjip huwa permess, fejn mhux permess li jsir tipjip, biex jiġi protett min ma jpejjipx mill-inkonvenjent kawżat mit-tipjip.

(3) Min iħaddem għandu jwaħħal sinjali xierqa li juru li t-tipjip huwa projbit f'dawk il-postijiet fejn it-tipjip mhux permess.

Kmamar ta' taħt l-art.

27. (1) Ebda xogħol ma jista' jsir f'xi kamra ta' taħt l-art (li ma tkunx kamra intiża biss għall-għanijiet ta' ħażna) li fl-opinjoni tad-Direttur ma tkunx xierqa għax-xogħol minħabba fil-kostruzzjoni, l-għoli, d-dawl, il-qisien jew il-ventilazzjoni tagħha, jew tkun mod ieħor kontra s-sanità, jew li ma jkollhiex mezzi xierqa biex wieħed jista' jaħrab minnha f'każ ta' nar jew emerġenza oħra.

Ħaddiema b'diżabilità.

28. (1) Min iħaddem għandu jiżgura li l-post tax-xogħol ikun organizzat u rranġat b'tali mod li jqis il-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà ta' ħaddiema b'diżabilità, safejn dan ikun raġonevolment prattiku.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu (1), din id-disposizzjoni tapplika b'mod partikolari għall-bibien, passaġġi, taraġ, doċoċ, sinkijiet, lokijiet sanitarji, imkejjen fejn wieħed jistrieħ u fejn wieħed jiekol u postijiet fejn isir ix-xogħol użati jew direttament okkupati minn persuni b'diżabilità.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li l-apparat tax-xogħol assenjat għall-użu ta' persuna b'diżabilità, jew it-tip ta' xogħol innifsu, ikunu tali li l-persuna b'diżabilità ma tkunx esposta għal

riskji addizzjonali kontra s-saħħa u s-sigurtà tagħha minħabba f'dik id-diżabilità.

Postijiet tax-xogħol fuq barra (disposizzjonijiet speċjali).

29. (1) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha, safejn dan ikun raġonevolment prattiku, biex jiżgura li l-ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fuq barra jkunu jistgħu jitilqu bl-għaġġla minn fuq il-post tax-xogħol jew jiġu mgħejjuna minnufih f'każ ta' periklu jew tingħata lilhom l-ewwel għajnuna minnufih, meta dan ikun meħtieġ.

(2) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha, safejn dan ikun raġonevolment prattiku, biex jiżgura li meta l-ħaddiema ikunu qed jaħdmu fuq barra, dawn il-ħaddiema jkunu protetti minn-

(a) temp ħażin;

(b) oġġetti li jaqgħu;

(ċ) livelli ta' ħsejjes dannużi;

(d) affarjiet oħra dannużi bħal ma huma gassijiet, dħaħen jew trabijiet;

(e) sitwazzjonijiet fejn wieħed jista' jiżloq, jitfixkel jew jaqa'.

Piż ta' prova.

30. Fil-proċeduri kollha għal reat skond dawn ir-regolamenti, li jikkonsisti fin-nuqqas li wieħed jikkonforma ruħu ma' xi dmir jew ħtieġa li għandu jagħmel, jew li jagħmel xi ħaġa safejn dan ikun raġonevolment prattiku, l-akkużat għandu jipprova (kif ikun il-każ) li ma kienx prattiku jew ma kienx raġonevolment prattiku li jagħmel iżjed minn dak li sar biex jiġu sodisfatti dak id-dmir u dik il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar, minn dawk li fil-fatt intużaw, biex jissodisfaw dak id-dmir jew dik il-ħtieġa.

Revoki. A.L. 52 ta' l-1986. N.G. 787 ta' l-1949.

31. Ir-regolamenti 8, 12, 13, 20 sa 32 , u 35 tar-regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali), u r-regolamenti 5 sa 8 tar-regolamenti ta' l-1949 dwar il-Fattoriji (Makkinarju għax-Xogħol ta' l-Injam), huma revokati tliet snin wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Applikabbiltà.

32. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu bħala l-anqas ħtiġiet għas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkunu applikabbli *mutatis mutandis* għal kull post tax-xogħol u għal kull tip ta' xogħol, u għandhom japplikaw kull meta jkunu meħtieġa mit-tip ta' post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol li jsir, iċ-ċirkostanzi li jkun hemm fih, u l-livell u n-natura ta' periklu, iżda ma japplikawx għal -

(i) l-użu ta' mezzi ta' trasport mhux fl-impriża u/

jew fl-istabbiliment;

(ii) siti ta' xogħol temporanji jew mobbli;

(iii) industriji li jtellgħu prodotti naturali mill-art;

(iv) dgħajjes tas-sajd;

(v) għelieqi, boskijiet jew art oħra li tifforma parti minn impriża agrikola jew ta' foresta, iżda sitwata 'l bogħod mill-bini ta' l-impriża.

(2) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma jwaqaf lid-Direttur milli jagħti xi ordni lil kull min iħaddem jew lil kull ħaddiem f'kull post tax-xogħol jekk, fl-opinjoni tad-Direttur, hemm riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà ta' persuna jew persuni.

(3) Għall-għanjiet ta' dawn ir-regolamenti, ħaddiem li jaħdem f'daru għandu jiġi meqjus bħala persuna li tħaddem lilha nnifisha.

L-EWWEL SKEDA

L-anqas numru ta' lokijiet sanitarji u postijiet fejn wieħed jista' jinħasel li għandhom ikunu provduti minn min iħaddem

L-għadd ta' persuni fuq il-post tax-xogħol muri fil-Kolonna 1 jirreferi għall-akbar għadd ta' ħaddiema li x'aktarx ikunu fuq il-post tax-xogħol fl-istess ħin.

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Għadd ta' persuni fuq ix-xogħol	Għadd ta' lokijiet sanitarji	Għadd ta' postjiet fejn wieħed jinħasel
1 – 5	1	1
6 – 25	2	2
26 – 50	3	3
51 – 75	4	4
76 – 100	5	5

Iżda, lok sanitarju addizzjonali u faċilità addizzjonali fejn wieħed jinħasel għandhom jiġu provduti għal kull ħamsa w għoxrin persuna 'l fuq minn mija.

IT-TIENI SKEDA

L-anqas qisien tal-post tax-xogħol

1. Il-volum totali ta' kamra li tintuża għal għanijiet ta' xogħol, minbarra għal dawk il-kmamar li huma wżati biss għal ħinjiet qosra, meta jkunu vojta, u meta diviż bl-għadd ta' persuni li normalment jaħdmu f'dik il-kamra għandu jkun ta' għall-inqas ħdax-il metru kubu. Kamra jew xi parti minn kamra li tkun ogħla minn tlett metri għandha titqies bħala kamra ta' għoli ta' tlett metri.

2. Il-figura ta' ħdax-il metru kubu għal kull persuna għandu jitqies bħala l-inqas, u għandu jiżdied meta wieħed iqis għamara, apparat, makkinarju u affarijiet fissi li jkun hemm fil-kamra.

3. Il-figura ta' ħdax-il metru kubu għal kull persuna ma tapplikax għal -

(a) strutturi żgħar fejn l-ispazju huwa limitat bi bżonn, bħal fi kjosk, fejn isir bejgħ bl-imnut, postijiet ta' irpar użati minn gwardjani, kabina għall-kontroll ta' makkinarju w impjant, unitajiet mobbli għax-xandir, kliniċi mobbli; u

(b) għal kmamar li diġà jkunu qegħdin jiġu wżati għal għanijiet ta' xogħol qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, iżda fejn dik il-kamra jsirula xi modifikazzjonijiet jew xi tibdil strutturali, il-qisien tagħha għandu jkun skond il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti.